# Qorti tal-Maġistrati (Malta)
# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 30 ta' April 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Antonino D'Angelo**
**(K.I. Nru 428160A)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Antonino D'Angelo** ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, imwieled fl-ewwel (01) ta' Diċembru tas-sena elf disgħa mija u tmienja u disgħin (1998) ġewwa l-Italja, iben Orazio u Nadia xebba Buonanno, mingħajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' 428160A u f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkużat talli:

1. Nhar l-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00Hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00Hrs) minn ġewwa Triq Mater Boni Consilii, Fgura u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' kartiera, flus kontanti, credit cards u

dokumenti minn fuq il-persuna ta' Joseph Zahra li huwa anzjan ta' 74 sena, liema serq huwa kkwalifikat bil-ħin, bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37) u liema serq sar għad-dannu ta' l-istess Joseph Zahra u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli nhar l-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa ta' filgħaxija (19:00Hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00Hrs) minn ġewwa Triq Mater Boni Consilii, Fgura u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Joseph Zahra li huwa anzjan ta' 74 sena u liema ħsara hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat minn Dr. Luca Casingena (Med. Reg. 4397) mill-Paola Health Center;

3. U aktar talli nhar il-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa ta' filgħaxija (17:00Hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00Hrs) minn ġewwa Triq Hompesch, Fgura u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' għoxrin Euro (€20) fi flus kontanti minn fuq il-persuna ta' Alison Kelly, u liema serq huwa kwalifikat bil-ħin u li sar għad-dannu ta' l-istess Alison Kelly u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

4. U aktar talli nhar il-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa ta' filgħaxija (17:00Hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00Hrs) minn ġewwa Triq il-Karmelitani, Fgura u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, ikkommetta serq ta' mobile phone minn fuq il-persuna ta' Mary Caruana, u liema serq huwa kwalifikat bil-ħin u li sar għad-dannu ta' l-istess Mary Caruana u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra, liema Mary Caruana hija anzjana jew adult dipendenti ta' 81 sena meta l-ammont ta' ħsara magħmula mill-ħati ma jkunx aktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250);

5. U aktar talli nhar il-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa ta' filgħaxija (17:00Hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00Hrs) minn ġewwa Triq il-Karmelitani, Fgura u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, bil-ħsieb li jagħmel delitt, u ċioe' dak ta' serq ta' basket minn fuq il-persuna ta' Lewis Abela, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, u li kieku seħħ kien ikun ikkwalifikat bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37) u dan għad-dannu ta' l-istess Lewis Abela u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra, liema Lewis Abela huwa anzjan jew adult dipendenti ta' 74 sena meta l-ammont ta' ħsara magħmula mill-ħati huwa aktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) iżda mhux iżjed minn tlett elef Euro (€3,000);

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-imputata d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati;

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2024 stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2024 stess, l-akkużat talab illi jsir *pre-sentencing report* fil-konfront tiegħu, liema *pre-sentencing* report ġie ppreżentat quddiem din il-Qorti nhar il-21 ta' Marzu 2024;

Rat id-dokumenti kollha;

Rat il-pre-sentencing Report ppreżentat fil-21 ta' Marzu 2024;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużi odjerni jirrigwardjaw tlett inċidenti separati minn xulxin iżda li għandhom l-istess *modus operandi* u li twettqu fil-Fgura. Illi l-ewwel inċident seħħ fl-10 ta' Jannar 2024 u jirrigwardja serqa minn fuq il-persuna ta' Joseph Zahra, raġel ta' 74 sena, waqt li huwa kien għadu kemm ġibed xi flus minn ATM fi Triq Mater Boni Consilii, Fgura. Jirriżulta illi l-akkużat seraqlu l-kartiera b' madwar €300 fi flus u diversi cards bankarji u dokumenti oħra. Waqt din l-alterkazzjoni, Zahra sofra ġrieħi ħfief kif ċertifikati minn Dr Luca Casingena.

Illi l-inċidenti rimanenti jirrigwardjaw tentattiv ta' serq li seħħ fil-11 ta' Jannar 2024 minn fuq il-persuna ta' Lewis Abela, raġel ta' 74 sena; u minn fuq il-persuna ta' Alison Kelly. Dawn iż-żewġ inċidenti seħħew fi Triq Hompesch, il-Fgura waqt li kienu qed jiġbdu xi flus mill-ATM. L-aħħar inċident huwa serq minn fuq il-persuna ta' Mary Caruana, mara ta' 80 sena, minn Triq il-Karmelitani, l-Fgura.

Illi l-vittmi kollha taw deskrizzjoni tal-aggressur u l-membri tal-Pulizija rnexxielhom jaqbdu l-persuna kif deskritta, li rriżultat li kienet l-akkużat Antonino D'Angelo.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-pulizija u anke fl-ewwel darba li tressaq quddiem dina l-Qorti. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, jirriżulta mill-pre-sentencing report illi l-akkużat ġie Malta ftit waqt li kien hawn il-pandemija globali tal-COVID-19 sabiex isib xogħol, wara li oħtu kienet diġa' f'Malta. Huwa kellu trobbija tajba fi Sqallija u għandu livell edukattiv bażiku. Flż-żmien li twettqu dawn ir-reati, is-sieħba tiegħu kienet fl-esteru għall-kura annwali tagħha u hu kien qed jabbuża mid-droga kokaina b'mod konsiderevoli. Filfatt hu jgħid li dawn ir-reati twettqu propju għax ma kellux biżżejjed flus sabiex ikopri l-vizzju tiegħu. Illi huwa jistqarr li jiddispjaċih ħafna għal dak li għamel, speċjalment peress li huwa attakka l-anzjani.

Illi fir-rakkomandazzjoni tiegħu, l-uffiċjal tal-probation jgħid illi huwa tal-fehma li l-akkużat għandu jingħata l-għajnuna biex jgħeleb il-vizzju li daħal fih. Madanakollu, wieħed għandu jara wkoll in-natura tar-reat u l-gravità tiegħu. Għalhekk meta wieħed iqis li l-Fedina Penali tiegħu hijwa waħda netta, qed jiġi umilment rakkomandat illi jingħata sentenza ta' priġunerija sospiża bis-superviżjoni skond l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll Ordni ta' Trattament tul il-perjodu ta' superviżjoni ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jindirizza l-problema tad-Droga. Qed jiġi rakkomandat illi l-imsemmi akkużat jirritorna lura s-somma misruqa mill-vittmi f'dan il-każ biex jifhem aħjar il-ħsara illi huwa kkaġuna. Fil-fehma tal-uffiċjal tal-probation, din ir-rakkomandazzjoni hija mportanti  sabiex l-akkużat jifhem sewwa x'inhuma l-obbligi tiegħu u x'inhuma l-konsegwenzi ta' għemilu kemm-il darba huwa ma jsegwix il-kondizzjonijiet imposti fuqu.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat huma ta' natura serja ħafna, b'mod partikolari għaliex saru fuq persuni ta' aktar minn 65 sena u anzjani. Illi s-serq mwettaq għandu wkoll diversi aggravanti. Illi jekk tittieħed l-ewwel akkuża, bl-aggravanti kollha hemm mogħtija, il-minimu tal-piena huwa dak ta' erba snin priġunijera li jaqbeż il-massimu permissibbli għal sentenza ta' priġunerija sospiża ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi b'hekk, għalkemm il-Qorti tifhem l-għan wara r-rakkomandazzjoni tal-uffiċjal tal-probation, il-Qorti hija prekluża milli tagħti din il-piena.

Illi in vista' tal-gravità tar-reati mwettqa mill-akkużat, in partikolari l-mod ta' kif seħħew u l-vittmi tagħhom, il-Qorti tqis li piena karċerarja effettiva hija idonea. Min-naħa l-oħra, l-akkużat jeħtieġ l-għajnuna sabiex jgħeleb il-vizzju tad-droga li għandu u jkun jista' jirriforma l-ħajja tiegħu biex ma jerġax ikollu inċidenti bħal dan preżenti.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 20, 31, 41(a), 214, 221, 257D(1)(b), 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(a)(2), 263(b), 267, 270, 274(ċ), 276A, 277(b), 279(a), 280(1), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Antonino D'Angelo <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkunannaħ għall-perjodu ta' erba' snin u tmien xhur priġunerija effettiva.

Illi inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati Antonino D'Angelo sabiex jingħata t-trattament meħtieġ sabiex jirriforma ruħu mill-vizzju tad-droga, inkluż trattament psikjatriku u dan taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.

Illi finalment, bl-aplikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-ħati Antonino D'Angelo jirrifondi lura s-somma ta' tlett mija u ħmistax-il Ewro (€315) lill-vittma Joseph Zahra u s-somma ta' għoxrin Ewro (€20) lill-vittma

Alison Kelly rappreżentanti d-danni subiti minnhom b'riżultat tar-reati mwettqa mill-akkużat.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-Ordni ta' Trattament mogħti kontestwalment jintbagħatu lid-Direttur Servizzi Probation and Parole;

Illi finalment il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li f'dan il-każ ma kien hemm ebda ħtieġa ta' ħatra ta' esperti.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**